**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Gunju 2025**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**vs**

**Yassine Khazri**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Yassine Khazri, ta' 32 sena, iben Mohsen u Bahja xebba Kalifi, imwieled Tunisia, nhar it-8 ta' Awwissu tal-1992, residenti ġewwa 58, Triq tal-Virtu', Rabat, Malta' u detentur tal-karta ta' l-identita' 112292A.

Akkuzat talli nhar l-21 ta' Gunju, 2025 ghal-habta ta' 12:09hrs u/jew fis-sieghat, u/jew fil-jiem, u/jew gimghat ta' qabel gewwa Mqabba, u f'dawn il-gzejjer Maltin:

1. Hebb kontra l-persuna ta' l-ex mara tieghu Edmea Grech sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmel ħsara lilha jew lil ħaddieħor, kemm-il darba dan il-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali;
Artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

2. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
   Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

3. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġieghel l-ex mara tieghu Edmea Grech taghmel xi ħaġa jew ghamel użu ieħor mhux xieraq bih;
   Arikolu 49 (a)(b)(c) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Edmea Grech billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti giet mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382 u 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-parti leża;

2. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

3. Rat li fis-seduta tal-lum stess l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

4. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' hamsa u erbghin (45) gurnata detenzjoni u multa ta' hamsa u ghoxrin elf Euro (€25,000) u ssospendiet is-seduta

sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

5. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

6. Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

8. Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u rregistra ammissjoni fl-ewwel seduta – l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri – u ghalhekk ma heliex il-hin u r-rizorsi ta' din il-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

9. Il-Qorti hadet in konjizzjoni ukoll illi l-imputat ghandu fedina penali netta.

**Konkluzjoni**

10. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Wara li rat l-Artikoli 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundannah ghal hlas ta' ammenda ta' hamsin Euro (€50.00) u ghal hlas ta' multa ta' hames mitt Euro (€500.00).

2. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-multa tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2025, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

3. Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront tal-hati Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Edmea Grech. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tinħareġ għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data tal-iskadenza jew mahfra tal-piena. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tiġi hawn imposta taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati fl-Ordni ta' Trażżin hawn annessa u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

4. Il-Qorti tordna li kopja ta' l-Ordni tat-Trazzin tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**